MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 440/2009

**B&F Construction Limited (C-8530)**

**vs**

**Antoine Borg u Tatiana Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-11 ta’ Novembru tas-sena 2009, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati, prevja kull dikjarazzjoni necessarja w opportuna:

1. Illi jhallsu lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ hames mija, sitta u sittin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€566.81), jew soma ohra verjuri li tigi talvolta

likwidata minn din il-qorti, rapprezentanti l-kera dovuta mill-konvenuti ghax-xahar ta’ Settembru 2009, ghall-kiri tal-hanut sitwat fil-pjan terran tal-blokk ta’ bini bin-numru sebgha (7), fi Triq Wied Ghomor, San Giljan, ai termini tal-kuntratt ta’ kiri iffirmat fis-26 ta’ Settembru, 2005, (Dokument “A”);

2. Illi jhallsu lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ tlett elef erba’ mitt Euro u sitta u tmenin centezmu, (€3400.86), jew soma ohra verjuri li tigi talvolta likwidata minn din il-qorti, rapprezentanti l-kera dovuta ghal sitt (6) xhur pre-avviz illi l-konvenuti kienu obbligati li jaghtu lis-socjeta’ attrici qabel ma tterminaw l-istess kirja, ai termini tal-artikolu 1.2. tal-istess kuntratt hawn esebit, liema pre-avviz qatt ma nghata mill-konvenuti mta tterminaw il-kira f’Awissu 2009;

3. Illi jhallsu lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ tlett elef mtien mija u erbghin Euro, (€3800.00), jew soma ohra verjuri li tigi talvolta likwidata minn din il-qorti, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-hsarat kkagunati mill-konvenuti fl-istess fond u/jew tal-benefikati illi l-istess konvenuti hadu abbuzivament mill-istess hanut, bi ksur tal-artikolu 7.5. tal-istess kuntratt hawn esebit;

4. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-30 ta’ Settembru 2009 u tal-Mandat kawtelatorju ta’ Sekwestru bin-numru 2970/09, u bl-imghax legali dekorribbli b’effett mill-31 ta’ Awissu, 2009 sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Tirrileva li l-intimati baqghu kontumaci tul il-procedura kollha nonostante d-debita notifika skont il-ligi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-partijiet f'din il-kawza kienu iffinalizzaw ftehim ta' kera bejniethom, datat is-26 ta' Settembru, 2005, rigwardanti l-fond, hanut minghar isem jew numru, sitwat fil-pjan terran accessibbli minn Triq Wied Ghomor, San Giljan, bil-kondizzjonijiet hemm pattwiti, (ara fol 3-13);

2. Illi f'Awissu tas-sena 2009 l-intimat Antoine Borg kien informa telefonikament lil Jean Borg, direttur tas-socjeta' rikorrenti, li ma kienx aktar interessat li jzomm l-imsemmija kirja;

3. Illi l-istess intimat Borg kien infurmat ukoll telefonikament li kwistjoni bhal din ma setghetx tigi zbrigata b'telefonata u li kienet timmerita laqgha bejn il-partijiet biex jaraw il-pozizzjoni taghhom skont l-istess ftehim pattwit fuq indikat fl-ewwel paragrafu;

4. Illi jirrizulta li eventwalment l-istess partijiet iltaqghu fl-ufficini tas-socjeta' rikorrenti fejn l-intimat de quo kien formalment infumat li ma setax jaghmel dak li kien ippropona bit-telefon ghaliex ma kienx qed jimxi skont il-kondizzjonijiet elenkati fl-imsemmi ftehim;

5. Illi di piu', meta l-istess rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti marret tispezzjona l-hanut in dizamina sabitu fi stat dizastruz, kollu zarmat u mkisser, (ara fol 21);

6. Illi nonostante l-assikurazzjonijiet li l-intimat ta lir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti li kien ser ihallas l-ammonti ta' kera dovuti u li kien ser jaghmel tajjeb ghall-hsarat riskontrati dan baqa' inadempjenti;

7. Illi jirrizulta wkoll li l-intimati naqqsu wkoll ihallsu ghall-pre-avviz skont il-ftehim kif pattwit;

8. Illi l-hsarat riskontrati fil-fond meritu tal-kawza odjerna huma elenkati b'mod ezawrjenti, (ara fol 22);

9. Illi di piu, l-intimati naqqsu li jirritorna c-cavetta lis-socjeta’ rikorrenti, (ara fol 22);

10. Illi in oltre, skont il-perit ex parte prodotta mir-rikorrenti, il-valur komplessiv tal-hsarat sofferti fil-fond meta l-istess kien fil-pussess tal-intimati jammonta komplessivament ghall-hamest elef ewro, (€5,000.00);

Ikkunsidrat:

Illi stante li l-intimati baqghu fil-kontumacja din il-qorti m’ghandhiex ghal fejn ma tistriehx kompletament fuq il-provi debitament prodotti mis-socjeta’ rikorrenti u konsegwentement qed tilqa’ t-talbiet tal-istess socjeta’ rikorrenti bid-differenza li qed tistrieh fuq il-valutazzjoni tal-perit ex parte rigwardanti l-hsarat riskontrati u ghaldaqstant:

1. Tiddikjara li l-intimati Antoine u Tatiana Borg huma responsabbli ghad-danni riskontrati fil-fond fuq indikat u ghan-nuqqas ta’ hlas ta’ kera ghall-perjodi indikati fl-istess rikors promotur;

2. Tillikwida d-danni komplessivi dovuti mill-imsemmija intimati lis-socjeta’ rikorrenti fl-ammont ta’ tmint elef u disgha mija, sebgha u sittin Ewro u seba’ u sittin centezmu, (€8,967.67);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti kontra l-intimati Borg mid-data tal-ittra ufficcjali tat-30 ta’ Settembru, 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------